



Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15977/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0229 (NLE)**

**RECH 523
COMPET 1238
IND 548**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	15911/25 11675/25
Suġġett:	<i>Thejġija tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tat-8 u d-9 ta' Diċembru 2025</i> Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2021/1173 fir- rigward tal-EuroHPC - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ msemmija hawn fuq għal Regolament tal-Kunsill.

¹ 11675/25.

2. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173, li kien nieda l-inizjattiva dwar il-fabbriki tal-IA, sabiex jespandi l-objettiv tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC) fir-rigward tal-iżvilupp u t-tħaddim tal-Gigafabbriki tal-IA fl-Ewropa u l-inklużjoni tat-teknoloġiji kwantistiċi. Din l-emenda tibni fuq il-kunċett ta' Fabbriki tal-IA u tiegħu għall-livell li jmiss: Il-Gigafabbriki tal-IA ser ikunu qed jintegraw qawwa komputazzjonali (pereżempju, aktar minn 100,000 ċippa tal-IA avvanzata meta mqabbla ma' 25,000 fl-akbar supercomputers tal-Fabbrika tal-IA), flimkien ma' ċentri tad-data effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u awtomatizzazzjoni xprunata mill-IA. Meta jitqies l-ammont enormi ta' investiment meħtieġ biex jinbnew u jitħaddmu l-Gigafabbriki tal-IA (stmati b'mod indikattiv fil-livell ta' EUR 3-5 biljun għal kull Gigafabbrika tal-IA), jeħtieġ approċċ aktar industrijali u mmexxi mis-suq għall-istabbiliment tagħhom, li jista' jieħu l-forma ta' sħubija pubblika-privata bejn il-parteċipanti interessati tal-industrija u l-UE u l-Istati Membri, kif ukoll Stati Parteċipanti oħra tal-EuroHPC. Fir-rigward tat-teknoloġiji kwantistiċi, dan jikkonċerna t-trasferiment tal-attivitajiet li bħalissa huma koperti mir-Raggruppament 4 f'Orizzont Ewropa għall-EuroHPC, minħabba l-interrelazzjoni qawwija bejn il-computing kwantistiku u l-computing ta' prestazzjoni għolja u biex ikun possibbli approċċ aktar koerenti għall-attivitajiet kwantistiċi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

II. **ĦIDMA FL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA**

3. Fl-4 ta' Settembru 2025, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Settembru 2025².

Fil-Parlament Ewropew, il-proposta ġiet riferuta lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) li ħatar lis-Sur Borys BUDKA (PPE, PL) bħala Rapporteur. Il-Kumitat ivvota dwar ir-rapport tiegħu fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2025. Il-Parlament Ewropew mistenni jivvota dwar ir-rapport tiegħu fil-plenarja tal-15 ta' Diċembru 2025.

² 13752/25.

III. SITWAZZJONI ATTWALI

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka beda jeżamina l-proposta fl-24 ta' Lulju 2025 taħt il-Prezidenza Daniża. B'mod ġenerali, il-grupp ta' ħidma ltaqa' 6 darbiet biex jiddiskuti l-proposta: fl-24 ta' Lulju, l-1 ta' Settembru, il-25 ta' Settembru, is-27 ta' Ottubru, l-20 u s-27 ta' Novembru.
5. Il-Prezidenza ppreżentat diversi testi ta' kompromess lill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka; il-Grupp ta' Ħidma eżaminahom fid-dettall. Fl-aħħar laqgħa tiegħu fis-27 ta' Novembru 2025, il-Grupp ta' Ħidma appoġġa b'mod ġenerali t-test ta' kompromess ippreżentat mill-Prezidenza, b'xi delegazzjonijiet jitolbu aġġustamenti tekniċi. Wara din il-laqgħa, il-Prezidenza kkonsultat lid-delegazzjonijiet dwar test rivedut tal-Prezidenza abbażi tal-aħħar diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma. L-ebda delegazzjoni ma oġġezzjonat għat-test tal-Prezidenza msemmi.
6. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka wasslu għall-bidliet ewlenin li ġejjin meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni:
 - ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku ġew aġġustati biex jikkonformaw mar-Regolament Finanzjarju tal-UE. L-approċċ il-ġdid huwa mmudellat fuq il-prattika applikata bħalissa għall-infrastruttura tal-EuroHPC u tal-fabbriki tal-IA. Dan l-approċċ jipprevedi Ftehim ta' Akkwist Konġunt (JPA) bejn l-Impriża Konġunta u l-Istat Membru biex jiġi akkwistat il-ħin tal-komputazzjoni b'mod konġunt ma' awtorità kontraenti waħda jew aktar mill-Istati Membri (u, fejn applikabbli, l-Istati Parteċipanti) minn Gigafabbrika tal-IA magħżula. Dan il-JPA huwa l-bażi li fuqha mbagħad titnieda s-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess (il-premessa (11a) u l-Artikolu 12b(3))
 - iddaħħlu salvagwardji aktar b'saħħithom bil-ħsieb li jiġi delimitat il-baġit ta' EUR 160 miljun ittrasferiti minn dawk il-fondi tar-Raggruppament 4 ta' Orizzont Ewropa li huma ddedikati għar-R&I kwantistiċi għal azzjonijiet indiretti tar-R&I dwar it-teknoloġiji kwantistiċi sa TRL 5 fl-aħħar Programm ta' Ħidma tal-Impriża Konġunta EuroHPC (il-premessa (10a) u l-Artikoli 5 (1a) u 34) li għandhom jiġu ffinanzjati bl-istess rati bħal f'Orizzont Ewropa

- ġew iċċarati aktar il-kundizzjonijiet għall-użu tal-allokkazzjonijiet li jifdal taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jew fondi reġjonali u strutturali oħra għall-investment fil-Gigafabbriki tal-IA jew f'attivitajiet oħra tal-Impriża Konġunta EuroHPC, bl-appoġġ tal-UE jew mingħajru. Tingħata informazzjoni dettaljata, fost oħrajn, dwar il-proċess biex tintlaħaq l-iskadenza tal-RRF ta' Awwissu 2026 u dwar l-użu ta' fondi minn programmi kofinanzjati mill-Fondi Strutturali u Reġjonali (il-premessi 12, 12a, 12aa, 12b, 12c u 12d u l-Artikolu 12b(6), (6a), (6b), (6c) u (6d))
- f'każijiet fejn il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tiegħu l-forma ta' xiri garantit miftiehem minn qabel tal-ħin ta' aċċess għall-Gigafabbrika tal-IA, ġie speċifikat li tali ħin ta' aċċess għandu jikkorrispondi fil-valur sa 17 % tal-CAPEX tal-infrastruttura komputazzjonali kumplessiva tal-Gigafabbrika tal-IA. Din il-formulazzjoni tqis il-kostijiet operazzjonali ġġenerati mill-aċċess u tevita piż addizzjonali għall-Konsorzji (l-Artikolu 12b(4))
- arkitettura aktar distribwita tal-Gigafabbriki tal-IA hija permessa bl-introduzzjoni tal-kunċetti ta' Gigafabbriki tal-IA "fpajjiż wieħed b'diversi siti" u "f'diversi pajjiżi b'diversi siti", bit-twissija li sit wieħed irid ikollu d-daqs ta' Gigafabbrika tal-IA (l-Artikolu 2 (3i) u (3j) u l-Artikolu 12b (1a) u (4))
- il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' ħin ta' aċċess lil diversi benefiċjarji (essenzjalment startups u SMEs) u t-tul ta' żmien ta' tali aċċess ġew iċċarati aktar (l-Artikolu 12b (6c), (9))
- ġew introdotti salvagwardji aktar b'saħħithom fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Konsorzji tal-Gigafabbriki tal-IA ta' entitajiet minn Stati mhux Parteċipanti, bħala mezz biex jiġi evitat it-theddid għall-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni (l-Artikolu 12b(2))
- ir-regoli dwar il-funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija ġew aġġustati biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-vot tal-Istati Parteċipanti fil-pilastru tal-Gigafabbriki tal-IA jiġu aġġustati għall-kompiti l-ġodda attribwiti lil dan tal-aħħar permezz ta' din l-emenda (l-Artikolu 6 tal-Anness)

IV. KONKLUŻJONI

7. Il-proposta ta' kompromess ipprovduta mill-Presidenza tirrappreżenta pakkett ġenerali bbilanċjat li għandu jippermetti approċċ ġenerali mill-Kunsill. Id-delegazzjonijiet appoġġaw it-test tal-Presidenza.
 8. Għaldaqstant il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden japprova t-test ta' kompromess tal-Presidenza mehmuż ma' din in-nota bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill għal Approċċ Ġenerali fil-Kunsill Kompetittività (Riċerka) tad-9 ta' Diċembru 2025.
-

2025/0229 (NLE)

REGOLAMENT TAL-KUNSILL UE/....

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-Artikolu 188, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) għandu li għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas legali uniformi b'mod partikolari għall-iżvilupp, għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-użu tal-intelliġenza artifiċjali f'konformità mal-valuri u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...]

- (2) Mill-2021, meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173, il-qasam tal-intelliġenza artiċjali (IA) ra progress tekniku enormi u sar dominju strateġiku u kkontestat ħafna fil-livell globali. L-Unjoni Ewropea tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi sabiex tappoġġa l-innovazzjoni responsabbli fl-IA, billi tiggwida l-innovazzjoni, tistabilixxi l-qiegħ regolatorju, u tiżviluppa governanza effettiva.
- (3) Mudelli kbar tal-IA bi skop ġenerali tfaċċaw bħala xprunaturi vitali tal-kompetittività ekonomika, ir-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni. Dawn saru kruċjali fit-tisħiħ tal-produttività f'diversi setturi u jitransformaw ktajjen tal-valur sħaħ, u b'hekk jiddettaw il-qbid futur tal-valur ekonomiku. L-Unjoni u l-Istati Membri qed imexxu inizjattivi dwar l-iżvilupp ta' mudelli konġunti tal-IA, inkluż mudelli bażi. Il-ġenerazzjoni li jmiss tal-mudelli tal-IA pijuniera hija mistennija twassal għal qabża fil-kapaċitajiet, lejn il-ġenerazzjoni li jmiss tal-IA li kapaċi tindirizza kompiti kumplessi u diversi ħafna. Ir-reġjuni li huma kapaċi jiżviluppaw u jimplimentaw dawn il-mudelli tal-IA fuq skala kbira ser ikunu fuq quddiem fl-innovazzjoni globali u ser jattiraw talent mill-aqwa fix-xjenza u l-industrija. Fl-istess ħin, is-setturi fuq quddiem nett tax-xjenza u l-industrija għandhom bżonn riżorsi sostanzjali tal-computing sabiex iwettqu skoperti xjentifiċi u innovazzjonijiet industrijali ewlenin immexxija mill-IA. Is-sinerġiji bejn dawn l-attivitajiet u dawk imwettqa minn programmi tal-Unjoni, bħall-Programm Spazjali tal-UE u l-Ispazji Ewropej tad-Data, ser jiġu sfruttati, bis-salvagwardji xierqa fis-seħħ sabiex jiġu protetti l-interessi strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
- (4) L-aktar Fabbriki tal-IA avvanzati fl-Ewropa ser ikunu mgħammra b'supercomputers li fihom proċessuri tal-IA mill-aktar avvanzati, li kapaċi jiżviluppaw l-aktar mudelli tal-IA ta' firxa medja. Għalhekk, hemm bżonn ta' investimenti sinifikanti sabiex jespandu b'mod sinifikanti il-kapaċitajiet tal-computing tal-Ewropa għal-livell li jmiss.

- (5) Fid-9 ta' April 2025, il-Kummissjoni nediet il-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA⁵ sabiex l-Unjoni tippożizzjona ruħha bħala mexxej globali fl-IA. Pilastru ewlieni ta' din l-istrateġija huwa l-għoti ta' spinta lill-infrastruttura madwar l-Ewropa kollha għat-taħriġ ta' mudelli avvanzati tal-IA li jieħdu l-kunċett tal-Fabbriki tal-IA tal-2024 għal-livell li jmiss.
- (6) L-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' mudelli tal-IA tal-ogħla livell huwa mistenni jirrikjedi faċilitajiet fuq skala kbira, li jaqbzū b'tal-anqas tlieta sa erba' darbiet in-numru tal-proċessuri tal-IA l-aktar avvanzati disponibbli fl-aktar fabbriki tal-IA b'saħħithom, filwaqt li jqisu l-kapaċità tal-enerġija, kif ukoll l-enerġija, l-effiċjenza tal-ilma u ċ-ċirkolarità. Il-mekkaniżmi eżistenti fi ħdan ir-Regolament 2021/1173 bħalissa mhumiex mgħammra sabiex jappoġġaw l-istabbiliment u l-operat tal-Gigafabbriki tal-IA. Għalhekk emenda mmirata hija neċessarja sabiex l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (l-"Impriża Konġunta") tiġi pprovduta bil-bażi legali neċessarja sabiex tkun tista' twettaq l-impenji rigward l-istabbiliment u l-operat tal-Gigafabbriki tal-IA fl-Ewropa.
- (7) It-tiŝiħ tal-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni qiegħed isir dejjem aktar vitali għall-kompetittività u għall-awtonomija strateġika fit-tul tagħha, filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa fl-Unjoni. Tabilħaqq, l-IA għandha l-potenzjal li taċċellera l-iskoperta xjentifika u ttejjeb il-kapaċitajiet ta' riċerka fl-oqsma kollha. Għalhekk, huwa essenzjali li, minbarra r-riċerkaturi, l-utenti privati u pubbliċi tal-IA fl-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, l-istartups u l-iscaleups, jibbenefikaw minn infrastrutturi tas-supercomputing ta' klassi dinjija sabiex tiġi sostnuta u avvanzata t-tmexxija tal-Ewropa fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

⁵ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/news/commission-sets-course-europes-ai-leadership-ambitious-ai-continent-action-plan>

- (8) Il-Boxxla għall-Kompetittività tal-Kummissjoni Ewropea (il-"Kumpass"), adottata fid-29 ta' Jannar 2025, tidentifika teknoloġiji strateġiċi li jinkludu t-teknoloġiji kwantistiċi u l-computing ta' prestazzjoni għolja bħala pilastru essenzjali sabiex jiġu żgurati s-sovranità teknoloġika, ir-reżiljenza ekonomika, u t-tmexxija globali tal-Ewropa. Il-Boxxla tenfasizza l-ħtieġa għal investimenti kkoordinati u għall-iżvilupp tal-ekosistema fir-riċerka, fl-infrastruttura, fl-industrija u fil-ħiliet sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni f'dawn l-oqsma.
- (9) Filwaqt li tikkomplementa l-Boxxla, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2025 intitolata "Strateġija Ewropa Kwantistika: Strateġija Kwantistika Ewropea f'dinja li qed tinbidel" tistabbilixxi qafas komprensiv sabiex jiġu aċċellerati r-riċerka kwantistika, l-innovazzjoni, l-industrijalizzazzjoni, u l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji u tal-infrastrutturi kwantistiċi. Din għandha l-għan li tibni ekosistema kwantistika sostenibbli u kompetittiva, li tkopri l-computing, il-komunikazzjoni, ir-rilevament u l-metroloġija, b'enfasi kbira fuq l-iżvilupp tal-ħiliet kif ukoll fuq il-kooperazzjoni internazzjonali. Għandha wkoll l-għan li twitti t-triq lejn il-bini fl-Unjoni ta' kompjuters kwantistiċi Ewropej li jittolleraw il-ħsara li jiżguraw l-awtonomija strateġika tagħha.
- (10) Fid-dawl tal-importanza politika ta' din l-inizjattiva, l-ammonti inizjalment allokatu minn Orizzont Ewropa, mill-Programm Ewropa Diġitali u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jenħtieġ li jiżdiedu sabiex jippermettu lill-Unjoni tilħaq l-oġettiv tagħha, dment li jkun hemm id-disponibbiltà baġitarja.
- (10a) Meta jitqies il-fatt li l-attivitajiet ta' riċerka bażika f'livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) aktar baxxi jibqgħu essenzjali biex jinkisbu skoperti f'teknoloġiji kwantistiċi ta' kwalità għolja, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta żżomm attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni upstream sa TRL 5 iffinanzjati mill-Unjoni b'rata ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli totali.
- (11) Minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi fl-oqsma tal-Kwantistika u l-IA u l-politika tal-Unjoni dwar l-IA, fis-snin li ġejjin jista' jkun meħtieġ finanzjament addizzjonali possibbli tal-Unjoni. Fir-rigward ta' dan il-kuntest ta' politika speċifiku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Impriża Konġunta tiġi fdata b'finanzjament tal-Unjoni addizzjonali li jmur lil hinn mill-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) minn programmi eżistenti. Jenħtieġ li meta t-tali kontribuzzjoni addizzjonali tkun immirata lejn Gigafabbriki tal-IA, din tkun akkumpanjata għall-inqas minn membru wieħed jew aktar tal-Impriża Konġunta minbarra dawg tal-Unjoni.

- (11a) Jenħtieġ li l-għażla tal-Gigafabbrika tal-IA tkun ibbażata fuq akkwist konġunt bejn l-Impriża Konġunta u awtorità kontraenti waħda jew aktar mill-Istati Parteċipanti. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta u l-Istati Parteċipanti jikkonkludu ftehim ta' akkwist konġunt, li jinkludi l-elementi ewlenin kollha tas-sejħa għal espressjoni ta' interess sussegwenti u l-impenn mill-Istati Membri li jappoġġaw finanzjarjament is-sehem tagħhom tal-Gigafabbrika tal-IA magħżula għall-finanzjament fit-territorju ta' dan l-Istat Membru wara l-eżitu tal-proċess tal-għażla magħmul mill-Impriża Konġunta. Jenħtieġ li l-impenn mill-Istati Membri jingħata lill-Impriża Konġunta qabel it-tnedija tas-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess.
- (12) Stat Membru li jkun beħsiebu jappoġġa l-istabbiliment u l-użu ta' Gigafabbrika tal-IA jista' jalloka parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ biex ikopri, kompletament jew parzjalment, il-kontribuzzjoni finanzjarja volontarja tiegħu għal tali Gigafabbrika tal-IA. Dik il-kontribuzzjoni għandha tiġi ġestita u żborżata mill-Impriża Konġunta abbażi ta' ftehim amministrattiv bejn l-Istat Membru u l-Impriża Konġunta. Meta dik il-Gigafabbrika tal-IA sussegwentement tintgħażel għal finanzjament mill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta, il-finanzjament ser jiġi kkomplementat minn finanzjament mill-Unjoni kif stabbilit f'dan ir-Regolament. F'każ li l-Gigafabbrika tal-IA appoġġata mill-Istat Membru ma tintgħażilx, jenħtieġ li l-ammont jiġi allokat taħt il-ġestjoni tal-Impriża Konġunta lil din il-Gigafabbrika tal-IA jew għal investiment ieħor fil-qasam tat-teknoloġiji tal-IA u/jew Kwantistiċi mingħajr kontribuzzjoni tal-Unjoni u kif identifikat mill-Istat Membru fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiegħu.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 [li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza](#) (ĠU L 057 18.2.2021, p. 17).

- (12a) Sabiex jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' kwalunkwe infrastruttura strateġika bħall-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja (HPCs), fabriki tal-IA jew Kompjuters Kwantistiċi madwar l-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-allokkazzjonijiet li jifdal mill-RRF tagħhom biex jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-fabriki tal-IA, l-HPCs jew il-Kompjuters Kwantistiċi jew investiment ieħor identifikat mill-Istat Membru fi Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u relatat mal-oġġettivi tal-Impriża Konġunta. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Impriża Konġunta li jenħtieġ li tiġġestixxi u tiżborża tali fondi abbażi ta' ftehim amministrattiv mal-Istat Membru.
- (12aa) Bl-iffirmar ta' ftehim amministrattiv RRF u t-trasferiment sħiħ u irrevokabbli tal-fondi magħżula tal-RRF lill-Impriża Konġunta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, l-Istat Membru ser jitqies li ssodisfa l-iskadenza stretta stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/241. Dan il-mekkaniżmu jipprovdi mezz flessibbli u sigur għall-Istati Membri biex jallokaw u jidderieġu riżorsi nazzjonali sinifikanti, b'mod partikolari mill-RRF, b'appoġġ għal prijoritajiet strateġiċi relatati mal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC), l-IA, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni.

- (12b) L-infrastrutturi tas-servizzi u tad-data tal-IA, tal-HPC u tal-computing kwantistiku huma essenzjali għall-avanz tar-riċerka xjentifika u tal-applikazzjonijiet industrijali innovattivi madwar l-Unjoni. Minbarra l-investimenti konġunti fl-infrastrutturi u l-ekosistemi taħt l-Impriża Konġunta, l-Istati Membri jistgħu jużaw fondi minn programmi kofinanzjati minn fondi strutturali u reġjonali, l-RRF, jew programmi nazzjonali biex jinvestu fl-akkwist u l-operat ta' infrastrutturi tas-servizzi u tad-data ġodda, avvanzati u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tal-IA, tal-HPC u tal-computing kwantistiku stabbiliti fit-territorju tagħhom. In-networking u l-federazzjoni wiesgħa ta' dawn l-infrastrutturi pubbliċi nazzjonali avvanzati tas-servizzi u tad-data tal-IA u tal-computing fil-livell tal-UE ser joħlqu infrastrutturi tas-servizzi u tad-data u ekosistemi integrati, federati, siguri u iperkonnessi ta' klassi dinjija tal-IA, tal-HPC u tal-computing kwantistiku u fl-Unjoni li jippromwovu l-eċċellenza xjentifika, irawmu l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet innovattivi, u jattiraw it-talent, filwaqt li jwasslu benefiċċji li jestendu ferm lil hinn mill-utenti tal-Istati Membri. Filwaqt li ma tikkontribwixxix għall-finanzjament tagħhom, l-Impriża Konġunta tista' tiffaċilita l-interkonnessjoni u l-federazzjoni ta' dawn l-infrastrutturi pubbliċi nazzjonali avvanzati flimkien ma' daww fil-livell tal-Unjoni, dment li dan jintalab u jkun debitament motivat mill-Istati Membri interessati. L-Impriża Konġunta tagħti lil dawn l-infrastrutturi pubbliċi nazzjonali "Siġill EuroHPC u għall-Infrastruttura tal-Kompjuters" u tiżgura n-networking u l-federazzjoni tagħhom man-network ta' fabbriki tal-IA u l-kompjuters kwantistiċi.
- (12c) Biex jindirizzaw id-domanda tal-utenti għar-riżorsi tal-computing tal-IA, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jipprovdu lill-Impriża Konġunta b'ammont miftiehem ta' ħin ta' aċċess lil dawn l-infrastrutturi pubbliċi nazzjonali tal-IA, tal-HPC jew kwantistiċi li jkun ngħataw is-Siġill EuroHPC għall-IA u għall-Infrastruttura tal-Kompjuters.
- (12d) Sabiex jindirizzaw id-domanda dejjem tikber tal-utenti għall-faċilitajiet tal-computing tal-IA, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-Impriża Konġunta ħin ta' aċċess għal waħda jew aktar mill-fabbriki tal-IA jew Gigafabbriki tal-IA tal-EuroHPC tagħhom li jkun disponibbli, jiġifieri li ma jkunx diġà ġie allokat. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-Impriża Konġunta fuq bażi volontarja sehem raġonevoli tal-ħin ta' aċċess għall-fabbriki tal-IA jew għall-Gigafabbriki tal-IA tal-EuroHPC tagħhom sabiex l-Impriża Konġunta tindirizza d-domanda tal-utenti. Dan il-ħin ta' aċċess għandu jintuża primarjament biex jingħata aċċess lil startups u SMEs għall-attivitajiet ta' riċerka jew innovazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li t-tali għoti ta' ħin ta' aċċess ma jitqiesx bħala kontribuzzjoni finanzjarja jew in natura tal-Istat Membru lill-Impriża Konġunta.

- (13) Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jsiru kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-Unjoni għal Gigafabbriki tal-IA minn programmi oħrajn, mhux elenkati fl-Artikolu 5(1), billi jiġu ffirmati ftehimiet ta' kontribuzzjoni ad hoc speċifiċi, soġġetti għal kontribuzzjoni proporzjonata minn membru wieħed jew aktar tal-Impriża Konġunta minbarra l-Unjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1173 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

- (a) jiżdied il-punt (3c) li ġej:

(3c) "Gigafabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" jew "Gigafabbrika tal-IA" tfisser faċilità fuq skala kbira tal-ogħla livell tekniku b'kapaċità suffiċjenti li tittratta ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ – mill-iżvilupp sal-inferenza fuq skala kbira – ta' mudelli u applikazzjonijiet kbar ħafna tal-IA, li tipprovdi infrastruttura tas-servizz tas-supercomputing, li hija magħmula minn kapaċità tal-computing ottimizzata għall-IA, infrastruttura taċ-ċentru tad-data ta' appoġġ (inkluż ħżin u networking ta' kapaċità għolja), ambjenti ta' aċċess tal-utenti siguri ddedikati fuq il-cloud, u servizzi speċjalizzati siguri ta' appoġġ orjentati lejn l-IA għall-operazzjonijiet avvanzati tagħha, li huma lkoll appoġġati minn infrastruttura ambjentalment sostenibbli, partikolarment għas-sistema tal-provvista tal-enerġija u tal-ilma.

(b) jiżdied il-punt (3d) li ġej:

(3d) "Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali" jew "Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA" tfisser assoċjazzjoni ta' entitajiet legali eliġibbli li jingħaqdu flimkien f'konsorzju u li huma marbuta bi ftehim ta' konsorzju bil-fini li jstabbilixxu u joperaw Gigafabbrika tal-IA u li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi ta' dawn l-entitajiet għat-tul tal-ħajja tal-Gigafabbrika tal-IA, jew entità legali ġdida stabbilita għall-fini li tistabbilixxi u topera Gigafabbrika tal-IA. Il-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA għandu jiġi stabbilit debitament fl-Unjoni għal durata minima ta' ħames snin. Wieħed jew aktar minn dawn is-sħab privati ta' konsorzju bħal dan jistgħu jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-Membri Privati tal-Impriża Konġunta.

(c) jiżdied il-punt (3e) li ġej:

(3e) "Koordinatur tal-Gigafabbriki tal-IA" tfisser entità legali, debitament inkorporata fl-Unjoni u li tkun teżisti b'mod validu skont il-liġijiet ta' Stat Membru ta' stabbiliment, li tkun legalment awtorizzata tirrappreżenta l-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA u li jkollha l-kapaċità u l-awtorità legali li tidħol fi Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA, teżegwih, u twettqu; il-Koordinatur tal-Gigafabbriki tal-IA għandu jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu fl-Unjoni u għandu jkun taħt kontroll, direttament jew indirettament, permezz ta' interess ta' sjieda jew permezz ta' mezzi oħrajn, kif definit fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 2024/1624 u skont id-dritt tal-kompetizzjoni rilevanti tal-Unjoni, ta' entitajiet legali jew ta' persuni fiżiċi stabbiliti fl-Unjoni. Il-koordinatur jista' jkun ukoll entità tal-hosting eżistenti li tirrappreżenta Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru jew konsorzju ta' Stati Parteċipanti tal-hosting.

(d) jiżdied il-punt (3f) li ġej:

(3f) "Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA" tfisser ftehim bejn l-Impriża Konġunta u l-Koordinatur tal-Gigafabbriki tal-IA għall-hosting u għall-operat ta' Gigafabbrika tal-IA.

(e) j iżdied il-punt (3g) li ġej:

(3g) "entità tal-hosting tal-Gigafabbriki tal-IA" tfisser entità legali li tkun inġatret mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA sabiex tospita u topera Gigafabbrika tal-IA u s-servizzi tagħha, u li tkun stabbilita fi Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru.

(f) j iżdied il-punt (3h) li ġej:

(3h) il-"Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-Gigafabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali" huwa ftehim bejn l-Impriża Konġunta u pajjiż terz li jispeċifika l-eliġibbiltà tal-parteeipazzjoni f'Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA u l-aċċess tal-utenti għall-Gigafabbriki tal-IA għall-entitajiet legali taħt kontroll, direttament jew indirettament, permezz ta' interess ta' sjieda jew permezz ta' mezzi oħrajn, ta' entitajiet legali jew persuni fiżiċi stabbiliti f'dak il-pajjiż terz.

(fa) j iżdied il-punt (3i) li ġej:

(3i) "Gigafabbrika tal-IA f'pajjiż wieħed b'diversi siti" hija Gigafabbrika tal-IA stazzjonata f'aktar minn post fiżiku wieħed li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru wieħed.

(fb) j iżdied il-punt (3j) li ġej:

(3j) "Gigafabbrika tal-IA f'diversi pajjiżi b'diversi siti" hija Gigafabbrikatal-IA stazzjonata f'aktar minn post fiżiku wieħed li jinsabu f'territorji ta' Stati Membri differenti.

(g) jiżdied il-punt (19a) li ġej:

(19a) "Ċentru Nazzjonali ta' Kompetenza Kwantistika" tfisser entità legali, jew konsorzju ta' entitajiet legali, stabbilit fi Stat Parteċipanti, li jipprovdi lill-utenti mill-industrija, inkluż l-SMEs, l-l-akkademja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi b'aċċess fuq talba għal teknoloġiji, għodod, applikazzjonijiet u servizzi kwantistiċi, kif ukoll għal infrastrutturi kwantistiċi nazzjonali jew Ewropej, u li joffri għarfien espert, ħiliet, taħriġ, networking u sensibilizzazzjoni.

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. Il-missjoni tal-Impriża Konġunta għandha tkun li tiżviluppa, timplimenta, testendi u żżomm fl-Unjoni ekosistema tal-infrastruttura tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku, tas-servizzi u d-data, li hija minn ta' quddiem fid-dinja, federata, sigura, interoperabbli u iperkonnessa. Hija għandha tappoġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' sistemi tas-supercomputing u sistemi u teknoloġiji kwantistiċi innovattivi u kompetittivi orjentati lejn id-domanda u mmexxija mill-utent u l-iżvilupp ta' firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet ottimizzati għal dawn is-sistemi. Dan jenħtieġ li jkun ibbażat kemm jista' jkun fuq katina tal-provvista Ewropea sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' tfixkil u dipendenzi u jissaħħu l-awtonomija strateġika u s-sovranità teknoloġika tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat l-użu tal-aħjar komponenti, teknoloġiji u għarfien. Barra minn hekk, hija għandha twessa' l-użu ta' dik l-infrastruttura tas-supercomputing għal numru kbir ta' utenti pubbliċi u privati u tappoġġa t-tranżizzjoni doppja u l-iżvilupp tal-ħiliet ewlenin għall-forza tax-xogħol Ewropea fix-xjenza u l-industrija.

- (b) Il-punt (fa) li ġej jiżdied mal-paragrafu 2:
- (fa) tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fundamentali u applikati mill-aktar avvanzati fit-teknoloġiji kwantistiċi, it-tranżizzjoni tagħhom mil-laboratorju għall-fabbrika, u l-implimentazzjoni, l-adozzjoni u l-integrazzjoni tagħhom f'infrastrutturi kwantistiċi ta' klassi dinjija, għall-bini ta' ekosistema kwantistika dinamika, innovattiva, sostenibbli u reżiljenti madwar l-UE, u għall-iżgurar tat-tmexxija xjentifika u industrijali, tal-kompetittività, tal-awtonomija strateġika u tas-sovranità teknoloġika tal-Unjoni fil-computing, fil-komunikazzjoni u fir-rilevament kwantistiċi.
- (c) Il-punt (h) fil-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- (h) l-iżvilupp u l-operat tal-Fabbriki tal-IA, u l-appoġġ għall-istabbiliment ta' Gigafabbriki tal-IA u s-servizzi tagħhom għall-bini ta' ekosistema tal-IA dinamika, innovattiva, sostenibbli u reżiljenti madwar l-UE u l-aċċess għalihom, u l-iżgurar ta' tmexxija xjentifika u industrijali.
- (d) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-Impriża Konġunta għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-interessi tal-Unjoni meta takkwista supercomputers u tappoġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-HPC, l-IA u teknoloġiji, sistemi u applikazzjonijiet kwantistiċi. Għandha tippermetti approċċ ta' kodisinn għall-akkwist ta' supercomputers ta' klassi dinjija, filwaqt li tissalvagwardja s-sigurtà tal-katina tal-provvista tat-teknoloġiji u tas-sistemi akkwistati. Għandha tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni, filwaqt li tippreserva ekonomija miftuħa fl-Unjoni, tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji u ta' applikazzjonijiet li jsaħħu l-ktajjen tal-provvista Ewropej tal-HPC, l-IA u ta' teknoloġiji kwantistiċi u tippromwovi l-integrazzjoni tagħhom f'sistemi li jindirizzaw numru kbir ta' ħtiġijiet relatati ma' użi xjentifiċi, soċjetali, ambjentali, industrijali u tas-sigurtà.

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-punt (i) li ġej mal-paragrafu 1:

(i) il-pilastru tal-Gigafabbriki tal-IA, li jkopri l-attivitajiet tal-Gigafabbriki tal-IA, li fl-operat tagħhom jistgħu jkunu konnessi man-network tal-EuroHPC tal-Fabbriki tal-IA sabiex jiġu żgurati integrazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien mingħajr xkiel fl-ekosistema Ewropea tal-IA; dan il-pilastru għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

(i) il-provvista ta' infrastruttura tal-computing tal-IA ta' klassi dinjija għar-riċerkaturi, l-imprendituri, l-industriji, inkluż l-SMEs, l-istartups, l-iscalups, u s-setturi pubbliċi Ewropej,

(ii) l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda tal-IA fis-setturi pubbliċi u privati kollha, inkluż l-iżvilupp ta' mudelli bażi, u

(iii) l-iżgurar tal-kompetittività u tas-sovranità tal-Unjoni bħala kontinent tal-IA.

(b) jiżdied il-punt (j) li ġej mal-paragrafu 1:

(j) il-pilastru tat-teknoloġiji kwantistiċi, li jindirizza l-ekosistema kwantistika sħiħa u l-oqsma ta' applikazzjoni tal-computing u tas-simulazzjoni kwantistiċi, tal-komunikazzjoni kwantistika, u tar-rilevament u tal-metroloġija kwantistiċi, filwaqt li jiżgura s-sigurtà u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista kwantistika u tat-teknoloġiji abilitanti tagħha. L-attivitajiet għandhom jindirizzaw, fost l-oħrajn:

(i) Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Xjentifiċi u Teknoloġiċi: L-avvanz tal-eċċellenza fir-riċerka fl-oqsma tax-xjenza u tat-teknoloġija kwantistiċi.

- (ii) It-tranżizzjoni mill-laboratorju għall-fabbrika u l-iżvilupp tal-ekosistemi: L-appoġġ għall-iżvilupp u għall-varar ta' infrastrutturi kwantistiċi mill-aktar avvanzati; it-trawwim tal-industrijalizzazzjoni tat-teknoloġiji kwantistiċi billi tiġi appoġġata l-adozzjoni tal-applikazzjonijiet kwantistiċi f'setturi pubbliċi u industrijali ewlenin, filwaqt li tiġi żgurata t-traduzzjoni tal-avvanzi fl-oqsma kwantistiċi kollha f'applikazzjonijiet tad-dinja reali, inkluż l-iżvilupp ta' swieq ewlenin; il-promozzjoni tal-istandards Ewropej u internazzjonali u, l-appoġġ għall-iżvilupp u għan-networking taċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza kwantistika madwar l-Ewropa.
- (iia) L-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni ta' sistemi tal-computing kwantistiku tolleranti għall-ħsara li jiddependu fuq miżuri pubbliċi biex jappoġġaw ekosistema kwantistika Ewropea kompetittiva u katina tal-provvista bbażata fuq teknoloġiji magħmula u mfasla fl-Ewropa.
- (iii) Il-Ħiliet u t-Talent: L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kompetittiva u inklużiva fir-riċerka kwantistika u fl-inġinerija permezz ta' inizjattivi koordinati ta' edukazzjoni, ta' taħriġ u ta' mobilità, fost dixxiplini u oqsma tekniċi ewlenin relatati mal-kwantum.
- (iv) Il-kooperazzjoni internazzjonali: L-iżvilupp ta' kollaborazzjoni internazzjonali fit-teknoloġiji kwantistiċi sabiex jiġu solvuti l-isfidi xjentifiċi u tas-soċjetà globali, f'konformità mal-oġġettivi tal-politika esterna u mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta li tinkludi l-approprijazzjonijiet taż-ŻEE għandha tkun sa EUR 4 122 300 000, li tinkludi EUR 92 000 000 għall-kostijiet amministrattivi, bil-kundizzjoni li l-ammont tal-anqas jintlaħaq mill-kontribuzzjoni ndaq tal-Istati Parteċipanti, imqassmin b'mod indikattiv kif ġej:

- (a) sa EUR 1 660 000 000 minn Orizzont Ewropa, inkluż EUR 160 000 000 għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-Kwantum kif definit fl-Artikolu 4(1)j u f'konformità mal-Artikolu 34(1) u (2)
- (b) sa EUR 2 142 300 000 mill-Programm Ewropa Diġitali
- (c) sa EUR 320 000 000 mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Fondi addizzjonali minn Orizzont Ewropa, mill-Programm Ewropa Diġitali u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jistgħu jikkumplementaw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, bil-kundizzjoni li l-ammonti addizzjonali jkunu tal-anqas daqs il-kontribuzzjoni ta' membru wieħed jew aktar mill-membri tal-Impriża Konġunta minbarra l-Unjoni. Dawn il-fondi addizzjonali ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni.

(b) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- 3. Jistgħu jiġu allokat i fondi addizzjonali minn kwalunkwe programm tal-Unjoni u li jikkumplementaw dawk imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Impriża Konġunta sabiex jappoġġaw il-pilastri tal-attivitajiet tagħha msemmijin fl-Artikolu 4, ħlief dawk imsemmijin fl-Artikolu 4(1)(a). Dawn il-fondi addizzjonali ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Unjoni.

(c) Punt ġdid (a) jiżdied mal-paragrafu 4:

(a) Għall-kontribuzzjonijiet fdati lill-Impriża Konġunta f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, huma applikabbli r-rekwiżiti tal-Artikolu 158 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Meta dawn il-kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-Unjoni jkunu relatati mal-pilastru msemmi fl-Artikolu 4(1)(i), wieħed jew aktar mill-membri għajr l-Unjoni għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali proporzjonati għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni.

(d) Il-paragrafu 6 jitħassar.

(e) Il-paragrafu 7 jitħassar.

(f) Il-paragrafu 8 jitħassar.

(5) Jiżdied l-Artikolu 12b li ġej:

"Artikolu 12b"

Gigafabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali

1. Il-Gigafabbrika tal-IA għandha tkun fi Stat Parteċipanti li jkun Stat Membru. Din għandha tkun appoġġata finanzjarjament minn sħubija bejn l-Unjoni u Stat Parteċipanti wieħed jew aktar, irrappreżentata permezz tal-Impriża Konġunta, u Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA, li jista' jinkludi fornitur wieħed jew aktar tal-infrastruttura tat-teknoloġija, irrappreżentata legalment minn Koordinatur tal-Gigafabbriki tal-IA. Din is-sħubija bejn l-Impriża Konġunta u l-Koordinatur tal-Gigafabbrika tal-IA tiegħu l-forma ta' Ftehim ta' Hosting. Kull Stat Parteċipanti tas-sħubija tal-Gigafabbrika tal-IA għandu jikkonkludi ftehim amministrattiv mal-Impriża Konġunta li jistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għall-pagament ta' kontribuzzjonijiet, u r-rappurtar dwarhom, lill-applikanti stabbiliti f'dak l-Istat Parteċipanti. Tali ftehim għandu jinkludi l-ħin ta' aċċess maqbul tal-Istat Parteċipanti, l-iskeda, il-kundizzjonijiet ta' ħlas, ir-rekwiżiti ta' rappurtar u awditjar.

- 1a. Gigafabbriki tal-IA b'diversi siti għandhom jiġu operati minn Konsorzju wieħed ta' Gigafabbriki tal-IA u għandhom jiffunzjonaw bħala entità teknika integrata. Is-siti kostitwenti ta' Gigafabbriki tal-IA b'diversi siti għandhom ikunu interkonnessi b'networks b'veloċità għolja ħafna u b'wisa' tal-banda għolja. F'Gigafabbriki tal-IA f'pajjiż wieħed b'diversi siti, mill-inqas sit kostitwent wieħed għandu jissodisfa l-iskala ta' Gigafabbriki tal-IA. Konsorzju tal-Gigafabbriki tal-IA f'diversi pajjiżi b'diversi siti għandu jkun magħmul minn mill-inqas entità ospitanti waħda għal kull Stat Membru ospitanti; mill-inqas sit kostitwenti wieħed mill-Istati Membri parteċipanti għandu jissodisfa l-iskala ta' Gigafabbriki tal-IA. Kull entità ospitanti ta' Gigafabbriki tal-IA f'diversi pajjiżi b'diversi siti għandha tkun responsabbli in solidum vis-à-vis l-Unjoni għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni li tirċievi. Il-ftehim tal-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA f'diversi pajjiżi b'diversi siti għandu jispeċifika l-allokazzjonijiet tar-responsabbiltà bejn l-entitajiet ospitanti, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tekniċi, operazzjonali, regolatorji u finanzjarji ta' kull entità ospitanti.
2. Il-parteċipazzjoni f'Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA ta' entitajiet legali minn Stati mhux Parteċipanti għandha tkun soġġetta għal restrizzjonijiet jew għal esklużjoni meta t-tali parteċipazzjoni titqies li tmur kontra l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/695, ir-Regolament (UE) 2021/694 u r-Regolament (UE) 2021/1153, is-sejħa għal espressjoni ta' interess għall-għażla ta' Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA għandha tillimita l-parteċipazzjoni fl-imsemmi Konsorzju għal entitajiet legali stabbiliti biss fl-Istati Parteċipanti jew għal entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi assoċjati speċifikati tal-Programm Qafas Orizzont Ewropa, tal-Programm Ewropa Diġitali u ta' kwalunkwe programm ta' finanzjament rilevanti sussegwenti tal-Unjoni, jew f'pajjiżi terzi parteċipanti oħrajn flimkien mal-Istati Parteċipanti li ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-restrizzjonijiet u l-esklużjonijiet imsemmijin f'dan il-paragrafu fil-prinċipju ma għandhomx japplikaw għall-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi, li ffirmaw Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-Gigafabbriki tal-IA jew ftehim simili mal-Unjoni. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess għall-għażla ta' Gigafabbriki tal-IA tista' tispeċifika li l-entitajiet legali f'pajjiżi terzi oħrajn jistgħu jkunu eliġibbli dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn dawk l-entitajiet legali sabiex jiggwarantixxu l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri u sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu stabbiliti fil-programm ta' ħidma.

3. Il-Gigafabbriki tal-IA għandhom jintgħażlu abbażi ta' akkwist konġunt bejn l-Impriża Konġunta u awtorità kontraenti waħda jew aktar mill-Istati Parteċipanti. Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA għandu jibbenefika minn impenn espliċitu tal-Istat Membru pprovdut lill-Impriża Konġunta biex jiffinanzja s-sehem tiegħu tal-Gigafabbrika tal-IA li għandu jiġi stabbilit fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u wara l-għażla f'konformità mal-paragrafu 14. Dan l-impenn għandu jiġi pprovdut mill-Istat Membru qabel it-tnedija tas-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess.
4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5 għandha tkopri sa 17 % tal-investimenti fin-nefqa kapitali (CAPEX) tal-infrastruttura ġenerali tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA. Inkella, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiddaħħal fil-forma ta' xiri garantit miftiehem minn qabel tal-ħin ta' aċċess għall-Gigafabbrika tal-IA ekwivalenti fil-valur sa 17 % tal-CAPEX tal-infrastruttura ġenerali tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA. Jenħtieġ li Stat Parteċipanti wieħed jew aktar tal-anqas jilħaq il-kontribuzzjoni tal-Unjoni. L-investment li jifdal kif ukoll in-nefqa operazzjonali (OPEX) tal-Gigafabbrika tal-IA għandhom ikunu koperti mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA. Fil-każ ta' Gigafabbriki tal-IA f'pajjiż wieħed b'diversi siti, il-kontribuzzjoni sħiħa tal-Unjoni, bid-drittijiet ta' aċċess għall-komputazzjoni korrispondenti, tista' tiġi allokata lill-akbar sit kostitwenti. Fil-każ ta' Gigafabbriki tal-IA f'diversi pajjiżi b'diversi siti, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tiġi allokata lill-Gigafabbriki tal-IA li jissodisfaw l-iskala meħtieġa u lil Gigafabbrika tal-IA waħda għal kull Stat Membru parteċipanti.
5. Fabbrika tal-IA magħżula tista' tikber b'mod sostanzjali sabiex issir Gigafabbrika tal-IA. F'każ bħal dan, l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni diġà pprovdut għal din il-Fabbrika tal-IA għandu jingħadd bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-CAPEX tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA. L-istess dispożizzjonijiet japplikaw għall-Istati Parteċipanti. Il-Fabbrika tal-IA msemmija fl-Artikolu 10 għandha tiġi mmodifikata kif meħtieġ, meta dan ikun xieraq. L-investment addizzjonali fil-fabbrika tal-IA kkonċernata sabiex issir Gigafabbrika tal-IA kif ukoll l-OPEX tal-Gigafabbrika tal-IA għandu jkun kopert mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA.

6. Stat Membru jista' jipprovdi l-kontribuzzjonijiet tiegħu għal Gigafabbrika tal-IA direttament permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament nazzjonali jew indirettament permezz ta' sorsi oħra. Stat Membru għandu, bi ftehim amministrattiv mal-Impriża Konġunta, jgħaddi l-kontribuzzjonijiet rispettivi tiegħu, inkluż dawk imsemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u kwalunkwe kontribuzzjoni addizzjonali oħra, b'mod totali jew parzjali, permezz tal-Impriża Konġunta, li mbagħad għandha tamministra u tiżborża dawn il-fondi lill-Gigafabbrika tal-IA maħtura f'ismu. Il-kontribuzzjoni finanzjarja volontarja tista' tikkonsisti, b'mod totali jew parzjali, f'fondi li Stat Membru jirċievi skont ir-Regolament (UE) 2021/241 u/jew ir-Regolament (UE) 2021/1060.
- 6a. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jalloka parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievi skont ir-Regolament (UE) 2021/241 ("allokazzjonijiet tal-RRF") biex jiffinanzja, b'mod totali jew parzjali, il-kontribuzzjoni finanzjarja volontarja tiegħu għal Gigafabbrika tal-IA f'konformità mal-Artikolu 12b(6), inkluż biex ikopri l-kontribuzzjoni tiegħu meta Gigafabbrika tal-IA ma tintgħażilx għall-finanzjament tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jużaw l-allokazzjonijiet tal-RRF li jifdal tagħhom biex jiffinanzjaw il-kontribuzzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-fabbriki tal-IA, is-supercomputers jew il-kompjuters kwantistiċi jew investiment ieħor fl-IA, teknoloġiji kwantistiċi jew fl-HPC marbuta mal-oġettivi tal-Impriża Konġunta u identifikati mill-Istat Membru fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-Istati Membri għandhom jgħaddu tali kontribuzzjonijiet permezz tal-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu 12b(6). Bil-firma ta' ftehim ta' kontribuzzjoni u t-trasferiment sħiħ u irrevokabbli tal-fondi magħżula tal-RRF lill-EuroHPC sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, l-Istat Membru ser jitqies li ssodisfa l-iskadenza stretta stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/241.

6b. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jalloka parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja li jirċievi skont ir-Regolament (UE) 2021/241, (UE) 2021/1060 jew programm ta' finanzjament ieħor biex jiffinanzja l-akkwist u l-operat ta' infrastrutturi tas-servizzi u tad-data ġodda, avvanzati u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tal-IA, tal-HPC jew tal-computing kwantistiku fit-territorju tiegħu. Tali Stat Membru jista', bi ftehim amministrattiv mal-Impriża Konġunta, jgħaddi tali investimenti permezz tal-Impriża Konġunta, li mbagħad għandha tiġġestixxi u tiżborża dawn il-fondi lill-investment identifikat f'ismu. Bil-firma ta' ftehim ta' kontribuzzjoni u t-trasferiment sħiħ u irrevokabbli tal-fondi magħżula tal-RRF lill-EuroHPC sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, l-Istat Membru ser jitqies li ssodisfa l-iskadenza stretta stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/241.

Fuq talba mill-Istat Membru, tali faċilità ta' infrastruttura tal-ogħla livell tekniku u avvanzata għandha tingħata s-Siġill EuroHPC għall-IA u l-Infrastruttura tal-Kompjuters mill-Impriża Konġunta, dment li tilħaq livell ta' prestazzjoni li jkun mill-inqas ekwivalenti għal kwalunkwe wieħed mis-supercomputers tal-EuroHPC stabbiliti, inkluż il-Fabbriki tal-IA.

L-Impriża Konġunta għandha tiffedera u tikkollega l-infrastrutturi li jkunu ngħataw is-Siġill EuroHPC għall-IA u l-Infrastruttura tal-Kompjuters mal-IA tal-EuroHPC, l-infrastrutturi tal-computing jew kwantistiċi, kif adegwat.

L-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jipprovdi lill-Impriża Konġunta xi ħin ta' aċċess għall-infrastrutturi ffinanzjati f'konformità ma' dan il-paragrafu. Dawn il-kontribuzzjonijiet ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1). Tali ħin ta' aċċess magħmul disponibbli mill-Istat Membru għandu jiġi ġestit mill-Impriża Konġunta bħala parti mill-ħin ta' aċċess tal-UE.

6c. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-Impriża Konġunta ħin ta' aċċess għal wieħed jew aktar mis-supercomputers tal-EuroHPC, mill-Fabbriki tal-IA jew mill-Gigafabbriki tal-IA tagħhom permezz ta' arranġament amministrattiv, li għandu jiddefinixxi s-sehem tal-ħin ta' aċċess mogħti u t-tul tiegħu. Dan il-ħin ta' aċċess għandu jsir il-ħin ta' aċċess tal-Unjoni u għandu jintuża primarjament biex jingħata aċċess lil startups u SMEs għall-attivitajiet ta' riċerka jew innovazzjoni tagħhom. Dawn ma għandhomx jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet in natura tal-Istati Membri.

- 6d. Il-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għal waħda jew aktar mill-Fabbriki tal-IA jew il-Gigafabbriki tal-IA tal-EuroHPC tagħhom jista' jintuża biex jingħata aċċess liberu għal dawk il-proġetti Ewropej li jiżviluppaw mudelli tal-IA fil-fruntiera miftuħa li huma xprunaturi ewlenin tal-innovazzjoni, li ser jintgħażlu permezz ta' kompetizzjoni miftuħa madwar l-UE kollha organizzata mill-Impriża Konġunta. Dawn il-mudelli miftuħa għandhom ikunu disponibbli b'mod wiesa' għall-awtoritajiet pubbliċi madwar l-Ewropa kif ukoll għall-komunitajiet xjentifiċi u tan-negozju Ewropej. L-Istati Membri jistgħu jikkumplementaw dan l-isforz billi jipprovdu lill-Impriża Konġunta ħin ta' aċċess addizzjonali għal tali proġetti b'valur miżjud tal-UE. Dawn ma għandhomx jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet in natura tal-Istati Membri.
7. L-Impriża Konġunta għandha tkun is-sid tal-parti tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-CAPEX, speċifikata fil-paragrafi 4 u 5, għal durata ta' mill-inqas ħames snin, mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-Gigafabbrika tal-IA u speċifikata aktar fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA. Alternattivament, meta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni tiddaħħal fil-forma ta' xiri garantit miftiehem minn qabel tal-ħin ta' aċċess għal Gigafabbrika tal-IA msemmija fil-paragrafu 4, id-durata għandha tkun ta' mill-inqas ħames snin u speċifikata aktar fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA. Fiż-żewġ każijiet, id-durata għandha tiġi estiża f'każ ta' titjib sostanzjali tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA. Mingħajr preġudizzju għall-istralċ tal-Impriża Konġunta, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4) tal-Istatuti, is-sjieda għandha tiġi ttrasferita f'konformità mal-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA jew tiġi estiża għal perjodu miftiehem skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA. Fil-każ ta' trasferiment tas-sjieda lill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA, il-valur residwu tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA għandu jiġi kkonvertit f'ħin ta' aċċess ekwivalenti għall-Unjoni. Jekk ma jkun hemm l-ebda trasferiment tas-sjieda lill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA skont il-Ftehim ta' Hosting, iżda deċiżjoni għad-dekummissjonar, il-kostijiet rilevanti għandhom jiġġarrbu mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA.
8. Il-ħin ta' aċċess tal-Unjoni u tal-Istati Parteċipanti fil-Gigafabbrika tal-IA għandhom ikunu direttament proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi tagħhom għall-CAPEX tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA, jew għax-xiri garantit tal-ħin ta' aċċess miftiehem minn qabel għall-Gigafabbrika tal-IA.

9. Il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta għandu jiddetermina:
- (a) il-kundizzjonijiet tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-Gigafabbriki tal-IA,
 - (b) ir-regoli speċifiċi għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-Gigafabbriki tal-IA li jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-proġetti u għall-attivitajiet meqjusin bħala strateġiċi għall-Unjoni
 - (c) ir-regoli speċifiċi għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-Gigafabbriki tal-IA li jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-proġetti u għall-attivitajiet marbutin mas-sigurtà.
10. Meta jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni skont il-paragrafu 9, il-Bord ta' Tmexxija għandu jiżgura li l-aċċess:
- (a) jingħata lill-utenti li jirrisjedu, li jkunu stabbiliti jew li jinsabu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm Ewropa Diġitali, lil Orizzont Ewropa jew lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
 - (b) ikun mingħajr ħlas għall-utenti minn entitajiet regolati bid-dritt pubbliku. Dan għandu wkoll ikun mingħajr ħlas għal utenti industrijali għall-applikazzjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni ffinanzjati minn Orizzont Ewropa, mill-Programm Ewropa Diġitali, jew mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, kif ukoll dawk mogħtijin Siġill ta' Eċċellenza taħt Orizzont Ewropa jew il-Programm Ewropa Diġitali u għall-attivitajiet ta' innovazzjoni privati tal-SMEs u tal-iscaleups, meta xieraq;
 - (c) jinkludi r-riżorsi tal-computing riżervati speċifikament għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE, filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà garantita u l-prijorità tal-iskedar.
11. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jimmonitorja s-sehem tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għat-tipi differenti ta' utenti, definit fil-punt (a) tal-paragrafu 10. Fil-każijiet li jkun hemm żbilanċ sinifikanti fl-ishma tal-ħin ta' aċċess bejn it-tipi differenti ta' utenti meta mqabblin mad-domanda, huwa għandu jieħu azzjoni korrettiva xierqa sabiex jindirizza dan l-iżbilanċ.

12. Il-kontribuzzjonijiet mill-Unjoni u mill-Istati Parteċipanti għandhom ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiġu stipulati fi Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA ddedikat. Il-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA għandu jkun irregolat bid-dritt tal-Unjoni, issupplimentat, għal kwalunkwe kwistjoni mhux koperta minn dan ir-Regolament jew minn atti legali oħrajn tal-Unjoni, bid-dritt tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-entità tal-hosting. Il-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA għandu:
- (a) jistabilixxi fid-dettall l-istruttura tas-sjieda u tal-governanza tal-Gigafabbrika tal-IA;
 - (b) jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw l-iskrutinju u l-kontroll effettivi u proporzjonati tal-Gigafabbrika tal-IA mill-Unjoni għas-salvagwardja tal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew tas-sigurtà tal-Unjoni;
 - (c) jispeċifika l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni, tal-Istati Parteċipanti u tas-sħab pubbliċi u/jew privati tal-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA, inkluż il-ħin ta' aċċess garantit għall-Gigafabbrika tal-IA msemmi fil-paragrafu 8, kif xieraq, u d-durata tiegħu;
 - (d) jispeċifika, jekk ikun xieraq, kwalunkwe interess ieħor tal-Unjoni li jirriżulta minn kwalunkwe investiment tal-Unjoni regolat bi ftehimiet ta' investiment speċifiċi bejn il-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA u InvestEU;
 - (e) jistabilixxi l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-utenti mhux tal-Unjoni ta' Gigafabbrika tal-IA; dawn għandhom jikkonformaw mal-istess kundizzjonijiet bħall-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà speċifikati fil-paragrafu 2;
 - (f) jistabilixxi l-kundizzjonijiet dettaljati għall-aċċess għall-utenti tal-Unjoni u l-modalitajiet ta' rendikont tal-ħinijiet ta' aċċess għas-servizzi tal-Gigafabbrika tal-IA;
 - (g) jistabilixxi l-kwalità tas-servizz offrut lill-utenti tal-Impriża Konġunta meta joperaw il-Gigafabbrika tal-IA, kif deskritt fil-ftehim dwar il-livell ta' servizz inkluż fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA;

- (h) jistabbilixxi l-modalitajiet tal-akkwist, tal-operat u tal-użu tad-data u tal-infrastruttura tal-computing tal-Gigafabbrika tal-IA, inkluż ir-rekwiżiti tal-utenti mis-settur pubbliku, meta jkun xieraq; meta l-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA jinkludi fornitur wieħed jew aktar tal-infrastruttura tat-teknoloġija, il-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA għandu jinkludi l-forniment ta' salvagwardji msaħħin kontra kunflitti ta' interess li jikkonċernaw lil dawn il-fornituri;
- (i) jelenka l-kundizzjonijiet għat-trasferiment tas-sjieda msemmija fil-paragrafu 7, meta jkun xieraq;
- (j) jagħti d-dettalji dwar l-estensjoni tas-sjieda jew tal-ħin ta' aċċess mixtri, garantit u miftiehem minn qabel u l-kundizzjonijiet tat-tneħħija gradwali għall-Gigafabbrika tal-IA, meta xieraq;
- (k) jelenka l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà għall-operat tal-Gigafabbrika tal-IA, meta xieraq;
- (l) jispeċifika l-obbligu tal-entità tal-hosting tal-Gigafabbrika tal-IA li sal-31 ta' Jannar ta' kull sena tippreżenta lill-Bord ta' Tmexxija rapport tal-awditjar u data dwar l-użu tal-ħin ta' aċċess fis-sena kontabilistika preċedenti;
- (m) ikun fih klawżola ta' arbitraġġ, skont it-tifsira tal-Artikolu 272 TFUE, li tagħti ġuriżdizzjoni fuq kull materja koperta mill-Ftehim ta' Hosting lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

13. Il-Gigafabbrika tal-IA għandha tinkludi korp ta' governanza pubblika magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni u mill-Istati Parteċipanti li jipprovdu finanzjament pubbliku lill-Gigafabbrika tal-IA speċifika. Il-kompożizzjoni u l-modalitajiet ta' ħidma ta' tali korp ta' governanza pubblika għandhom jiġu speċifikati fi ħdan il-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbriki tal-IA. Mingħajr preġudizzju għall-ġestjoni u għall-awtonomija operazzjonali tal-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA, u sabiex jiġi żgurat allinjament mal-oġettivi ta' interess pubbliku li jirfdu l-finanzjament pubbliku, l-elementi li ġejjin għandhom jeħtieġu approvazzjoni espliċita minn qabel mill-korp ta' governanza pubblika maħtur:

- (a) kwalunkwe ftehim ta' aċċess propost ma' entitajiet minn pajjiżi terzi li jistgħu jqajmu tħassib dwar l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni;

- (b) bidliet sostanzjali fl-istruttura jew fil-kontroll legali u finanzjarju li jkollhom impatt fuq l-interessi tal-Unjoni jew fuq dawk tal-Istati Parteċipanti, bħal bidla fis-sjieda finali jew fil-kontroll tal-Gigafabbrika tal-IA, kwalunkwe rilokazzjoni ta' assi kritiċi barra mill-Unjoni jew deċiżjoni kbira dwar ristrutturar finanzjarju;
- (c) bidla sinifikanti fl-iskop strateġiku tal-Gigafabbriki tal-IA.

14. Wara sejħa għal espressjoni ta' interess, il-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA għandu jintgħażel mill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta permezz ta' proċess ġust u trasparenti, bl-appoġġ ta' bord ta' esperti indipendenti u ta' istituzzjoni finanzjarja akkreditata maħtura mill-Bord ta' Tmexxija għall-evalwazzjoni, fuq il-bażi, fost l-oħrajn, tal-kriterji li ġejjin:

- (a) Evalwazzjoni teknika:
 - (i) L-objettivi u l-kwalità teknika tal-proposta
 - (ii) Il-kwalità tal-pjan ta' ħidma
 - (iii) Il-kwalità tal-infrastruttura fiżika, tal-IT u tan-networking
 - (iiia) Il-kwalità tas-servizz, inkluż is-sigurtà u l-affidabbiltà
 - (iv) Is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika
 - (v) L-esperjenza u l-għarfien prattiku tal-konsorzju fl-istabbiliment ta' faċilitajiet simili fuq skala kbira.
- (b) L-impatt potenzjali:
 - (i) L-impatt fuq l-ekosistema Ewropea tal-IA, inkluż il-kompetittività u r-riżerva ta' talent tagħha
 - (ii) Il-valur miżjud tal-UE, inkluż il-kontribut għall-awtonomija strateġika u s-sovranità teknoloġika.

(c) Il-fattibbiltà finanzjarja:

(i) L-impenn ta' investiment tal-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA

(ii) Il-kwalità u l-vijabbiltà finanzjarja tal-mudell ta' negozju propost (inkluż diliġenza dovuta li għandha titwettaq mill-istituzzjoni finanzjarja akkreditata maħtura).

15. Meta l-Konsorzju ma jkunx jinkludi fornitur wieħed jew aktar tal-infrastruttura tat-teknoloġija, il-fornituri tal-Gigafabbrika tal-IA għandhom jintgħażlu mill-Konsorzju ta' Gigafabbriki tal-IA fuq il-bażi ta' speċifikazzjonijiet ġusti u trasparenti tal-offerta li għandhom iqisu l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali tas-sistema, u b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-utenti mis-settur pubbliku, ipprovduti mill-Impriża Konġunta fis-sejħa għal espressjoni ta' interess u speċifikati aktar fil-Ftehim ta' Hosting tal-Gigafabbrika tal-IA. L-għażla għandha tkun ibbażata fuq kriterji ġusti, miftuħa u trasparenti, u għandha tiżgura wkoll il-valur miżjud tal-UE u tindirizza s-sigurtà u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista. L-offerenti magħżula għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà speċifikati fil-paragrafu 2.

16. L-Impriża Konġunta tista' tistabbilixxi kuntratti qafas għall-forniment ta' komponenti essenzjali u ta' domanda għolja, bħal proċessuri avvanzati tal-IA. Il-konsorzji ta' Gigafabbriki tal-IA jistgħu jużaw il-kuntratti qafas imsemmija f'dan il-paragrafu għall-akkwist tagħhom.

(6) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. Mingħajr preġudizzju tal-Artikolu 17(9), l-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għandu jkun miftuħ għal utenti mis-setturi pubbliċi u privati. Ħlief għas-supercomputers tal-EuroHPC ta' grad industrijali, l-użu tagħhom għandu jkun primarjament għal finijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni li jaqgħu taħt il-programmi ta' finanzjament pubbliku, għal applikazzjonijiet tas-settur pubbliku u għal attivitajiet privati ta' innovazzjoni tal-SMEs, l-istartups u l-iscaleups, fejn xieraq.

(6a) L-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

Artikolu 34

Rati ta' rimborż

1. Għall-azzjonijiet indiretti ffinanzjati taħt l-Orizzont Ewropa, b'deroga mill-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/695, u għall-attivitajiet iffinanzjati taħt il-Programm Ewropa Diġitali, l-Impriża Konġunta tista' tapplika rati ta' rimborż differenti għall-finanzjament tal-Unjoni fi ħdan azzjoni skont it-tip ta' parteċipant, jġigifieri SMEs, u t-tip ta' azzjoni. Ir-rati ta' rimborż għandhom jiġu indikati fil-programm ta' ħidma.
2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/695, għal azzjonijiet li jappartjenu għall-pilastru kwantistiku ffinanzjat taħt Orizzont Ewropa, kull programm ta' ħidma għandu jindika komponent obligatorju li jkopri azzjonijiet indiretti ta' riċerka u innovazzjoni sa TRL 5, li għandu jiġi ffinanzjat mill-Unjoni b'100 % tal-ispejjeż eliġibbli totali.

L-Anness huwa emendat kif ġej:

(7) L-Artikolu 3 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

2. Kwalunkwe applikazzjoni ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz assoċjat ma' Orizzont Ewropa jew mal-Programm Ewropa Diġitali għal sħubija fl-Impriża Konġunta għandha tiġi indirizzata lill-Bord ta' Tmexxija. Il-pajjiżi kandidati għandhom jipprovdu aċċettazzjoni bil-miktub ta' dawn l-Istatuti, u ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra li tirregola l-funzjonament tal-Impriża Konġunta. Il-kandidati għandhom jipprovdu wkoll il-motivazzjoni tagħhom għat-talba ta' sħubija fl-Impriża Konġunta u jindikaw kif l-istrateġija nazzjonali tagħhom għas-supercomputing jew għat-teknoloġija kwantistika hija allinjata mal-objettivi tal-Impriża Konġunta. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jivvaluta l-applikazzjoni, filwaqt li jqis ir-rilevanza u l-potenzjal ta' valur miżjud tal-kandidat fir-rigward tat-twettiq tal-missjoni u tal-ilħuq tal-objettivi tal-Impriża Konġunta u jista' jiddeċiedi li jitlob kjarifiki dwar il-kandidatura qabel ma japprova l-applikazzjoni.

(8) L-Artikolu 4 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

- (c) Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku magħmul mill-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni, il-Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura u l-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi.

(9) L-Artikolu 5 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

(3) Għall-pilastru kwantistiku tal-attivitajiet, l-Istati Parteċipanti jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-istess rappreżentant bħal dak għall-pilastru l-oħra tal-attività assistiti mir-rappreżentanti u l-esperti xierqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tagħhom fil-qasam tat-teknoloġiji kwantistiċi, jew jistgħu jaħtru rappreżentant addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tagħhom fil-qasam tat-teknoloġiji kwantistiċi.

(10) L-Artikolu 6 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdiedu l-paragrafi 5a u 5b li ġejjin:

(5a) Għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 7(4a) ta' dawn l-Istatuti, għajr il-punt (vi), il-50 % li jifdal mid-drittijiet tal-vot għandhom jinżammu mill-Istati Parteċipanti li huma Stati Membri.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata. Maġġoranza kwalifikata għandha titqies stabbilita jekk din tkun tirrappreżenta lill-Unjoni u mill-inqas 55 % tal-Istati Parteċipanti li jkunu Stati Membri, li flimkien jagħmlu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni totali ta' dawn l-Istati. Biex tiġi ddeterminata l-popolazzjoni, għandhom jintużaw iċ-ċifri li jinsabu fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE.

(5b) Għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 7(4a)(vi) ta' dawn l-Istatuti, u għal kull Gigafabbrika tal-IA, id-drittijiet tal-vot tal-Istati Parteċipanti għandhom jitqassmu b'mod proporzjonat għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji impenjati tagħhom lil dik il-Gigafabbrika tal-IA sakemm jew tiġi ttrasferita s-sjieda tagħha, jew sakemm tinbiegħ jew tiġi dekommissjonata, jew il-kuntratt jiskadi għal xiri garantit miftiehem minn qabel ta' ħin ta' aċċess għall-Gigafabbrika tal-IA msemmi fl-Artikolu 12b, il-paragrafu 4.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti kollha, inkluż il-voti tal-membri assenti.

(b) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(6) Għall-kompiti msemmijin fl-Artikolu 7(5), 7(5a), 7(6) u 7(7) ta' dawn l-Istatuti, id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jittieħdu f'żewġ stadji.

(11) L-Artikolu 7 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) jiddied il-paragrafu 4a li ġej:

(4a) Il-Bord ta' Tmexxija għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin relatati mal-Gigafabbriki tal-IA msemmija fl-Artikolu 12b ta' dan ir-Regolament:

(i) jiddiskuti u jadotta l-parti tal-programm strateġiku pluriennali li hija relatata mal-istabbiliment tal-Gigafabbriki tal-IA msemmi fl-Artikolu 18(1) ta' dawn l-Istatuti;

(ii) jiddiskuti u jadotta l-parti tal-programm ta' ħidma annwali li hija relatata mal-istabbiliment ta' Gigafabbriki tal-IA u l-għażla ta' Konsorzji ta' Gigafabbriki tal-IA u mal-istimi tan-nefqa korrispondenti;

(iii) japprova t-tneđija tas-sejħiet għal espressjoni ta' interess, f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali;

- (iv) japprova l-għażla tal-Konsorzji ta' Gigafabbriki tal-IA li jistabbilixxu u joperaw il-Gigafabbriki tal-IA;
- (v) jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-ħin ta' aċċess tal-Unjoni għall-Gigafabbriki tal-IA;
- (vi) jieħu deċiżjonijiet relatati mal-korp ta' governanza pubblika tal-Gigafabbrika tal-IA;
- (vii) japprova l-kuntratti qafas stabbiliti mill-Impriża Konġunta għall-forniment ta' komponenti essenzjali u ta' domanda għolja tal-Gigafabbriki tal-IA.

(b) jiżdied il-paragrafu 5a li ġej:

- (5a) Għall-Pilastru Kwantistiku tal-attivitajiet, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(5) ta' dawn l-Istatuti, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet relatati mal-akkwist u mal-operat tal-kompjuters kwantistiċi f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(4) ta' dawn l-Istatuti.

(12) L-Artikolu 10 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

- 1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkun magħmul mill-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni, minn Grupp Konsultattiv għall-Infrastruttura u minn Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi.

(b) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

- (7) Il-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn tnaix-il membru, li minnhom mhux aktar minn sitta għandhom jinħatru mill-Membri Privati b'kont meħud tal-impenji tagħhom mal-Impriża Konġunta u mhux aktar minn sitta għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija, f'konformità mal-Artikolu 7(3)(k) ta' dawn l-Istatuti.

Il-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi jista' jinkludi sa sitt osservaturi proposti mill-Istati Parteċipanti u maħtura mill-Bord tat-Tmexxija.

(13) Jizzied l-Artikolu 12a li ġej:

Artikolu 12a

Il-funzjonament tal-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi

1. Il-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena.
2. Il-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi jista' jaħtar gruppi ta' ħidma meta meħtieġ, taħt il-koordinazzjoni ġenerali ta' wieħed jew aktar mill-membri.
3. Il-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi għandu jeleġġi l-president tiegħu.
4. Il-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, inkluż in-nomina tal-entitajiet kostitwenti li għandhom jirrappreżentaw lill-Grupp Konsultattiv u d-durata tan-nomina tagħhom.

(14) Jizzied l-Artikolu 14a li ġej:

Artikolu 14a

Il-kompiti tal-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi

1. Il-Grupp Konsultattiv għat-Teknoloġiji Kwantistiċi għandu:
 - (a) ifassal il-kontribut tiegħu għall-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali fir-rigward tal-attivitajiet tat-teknoloġiji kwantistiċi u suġġetti relatati msemmijin fl-Artikolu 18 ta' dawn l-Istatuti u jirrieżaminah regolarment f'konformità mal-evoluzzjoni tad-domanda xjentifika, industrijali u tal-politika;
 - (b) jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha li jkollhom interess fl-oqsma tat-teknoloġiji kwantistiċi sabiex jinfurmahom u jiġbor feedback dwar l-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali u l-abbozz tal-attivitajiet relatati tat-teknoloġiji kwantistiċi parti mill-programm ta' ħidma għal sena partikolari.

2. Il-kontribut għall-abbozz tal-programm strateġiku pluriennali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jindirizza:
- (a) il-prijoritajiet tar-riċerka, tal-innovazzjoni, tal-varar, u tal-infrastruttura strateġiċi għall-iżvilupp u l-adozzjoni tat-teknoloġiji kwantistiċi u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistema diġitali Ewropea, sabiex jiġu appoġġati r-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sovranità teknoloġika tal-Unjoni;
 - (b) attivitajiet potenzjali ta' kooperazzjoni internazzjonali fit-teknoloġiji kwantistiċi li jżidu l-valur u li huma ta' interess reċiproku filwaqt li jiżguraw allinjament mal-valuri u mal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni
 - (c) il-prijoritajiet tat-taħriġ, tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp tal-forza tax-xogħol għall-indirizzar tal-kompetenzi ewlenin u tad-diskrepanza fil-ħiliet fit-teknoloġiji kwantistiċi, inkluż l-għarfien dwar applikazzjonijiet sensittivi għas-sigurtà
 - (d) l-akkwist, il-varar u l-operat ta' infrastrutturi kwantistiċi, inklużi l-interkonnnessjoni u l-federazzjoni ma' infrastrutturi tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u ma' infrastrutturi diġitali oħrajn bħall-komunikazzjonijiet kwantistiċi u r-rilevament kwantistiku;
 - (e) miżuri għall-bini tal-kapaċitajiet, għall-interoperabbiltà, għall-istandardizzazzjoni, għas-sigurtà fil-qasam tat-teknoloġiji kwantistiċi b'kunsiderazzjoni speċifika tar-riskji ta' użu doppju u tal-protezzjoni tal-assi strateġiċi, tal-interessi, tal-awtonomija jew tas-sigurtà tal-Unjoni.

(15) L-Artikolu 16 tal-Anness huwa emendat kif ġej:

L-impenji baġitarji tal-Impriża Konġunta jistgħu jinqasmu f'pagamenti parzjali annwali. Minn Jannar 2025, tal-anqas 20 % tal-baġit kumulattiv tas-snin residwi ma għandux ikun kopert minn pagamenti parzjali annwali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
